# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 82**

**Citaz. numru: 486/00 M1 NA**

**Joachim sive Jack Spagnol**

**vs**

**Rita Muscat f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Tayah Spagnol**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-14 ta' Marzu 2000 fejn ippremetta:

"Illi l-attur kien ghal xi zmien jikkoabita mal-konvenuta, li fl-istess zmien kellha l-kumpanija ta' rgiel ohra;

Illi l-konvenuta kellha tarbija bl-isem ta' Toyah, li twieldet fl-10 ta' Gunju 1990, skond kif jirrizulta mic-certifikat Dokument "A";

Illi l-konvenuta kienet ikkonvinciet lill-attur li t-tarbija kienet tieghu, meta fil-fatt ma kenitx, u huwa kien irrikonoxxiha bhala tieghu;

Illi l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri Toyah Spagnol;

TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-minuri Toyah Spagnol, bint il-konvenuta, u li tidher registrata fl-att tat-twelid 2830 tal-1990, mhix bint naturali ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2000 dehru l-partijiet li taw ruhhom b'notifikat. Il-konvenuta inghatat zmien taghmel l-eccezzjonijiet taghha skond il-ligi filwaqt illi z-zewg partijiet inghataw il-fakolta' li jipprezentaw ix-xhieda taghhom b'affidavits.

L-attur pprezenta l-affidavit tieghu b'nota tat-23 ta' Marzu 2001. Il-konvenuta ma ghamlitx l-eccezzjonijiet taghha w anqas ma pprezentat ix-xhieda bl-affidavits izda fis-seduta tad-19 ta' April 2001 dehret assistita w ammettiet ghat-talba attrici. Hija pprezentat ukoll xhieda b'dokument li huwa ritratt tat-tarbija, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Mil-lat legali l-Artikolu 99 tal-Kodici Civili hekk jipprovdi: "*L-att li bih jigi maghruf tifel jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu nteress.*" Ma hemmx dubbju illi l-azzjoni odjerna hija legalment proponibbli mill-attur peress illi zgur dan ghandu nteress fil-materja peress illi rrikonoxxa tarbija li allegatament mhijiex tieghu.

Mil-lat fattwali jirrizulta illi din l-allegazzjoni ta' l-attur hija fondata ghax apparti mill-ammissjoni ta' l-omm u x-xhieda ta' l-attur tezisti wkoll il-prova dokumentarja fuq imsemmija.

Ovvjament il-Qorti ma tistax tmur oltra dak li huwa minnha mitlub u din il-kawza tista' tigi biss deciza billi l-Qorti tilqa' l-unika talba attrici u tiddikjara li l-minuri Toya Spagnol, bint il-konvenuta, u li tidher registrata fl-att tat-twelid 2830/90, mhiex bint naturali ta' l-attur.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li l-Qorti semghet lill-partijiet l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejniethom.

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

Deputat Registratur

rf.